KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 43

It-tlieta u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa The Palace Hotel.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Graziella Attard Previ | Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | John Pillow | Viċi Sindku |
| **ASSENTI** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6.15pm:*

*43.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 4.2;*
*43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*43.5 Rapporti ;*
*43.6 Villa Schinas ;*
*43.7 Items Oħra ;*
*43.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*43.10 Mozzjonijiet ;*
*43.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 43.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

43.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċieva talba mill-Viċi Sindku sabiex ikun skużat mil-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-Viċi Sindku kien skużat mill-laqgħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsilliera I.Fenech talbet biex tkun skużata peress illi ma tiflaħx. Żied illi ftit wara talbet link tal-laqgħa u kienet online fil-bidu tal-laqgħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi l-kunsillier P.P.Portelli wkoll talab illi jkun preżenti online izda sal-bidu tal-laqgħa ma kienx daħal.

## 43.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 42

43.2.1 B'referenza għal punt nru. 42.2.1, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MAGG għandom id-DNO f'idejhom. Qal illi se ssir fejn iz-zebra crossing fejn il-Gabanna s-Sewda, wara li saret laqgħa bejn ir-rapprezentant tal-MAGG u s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. *Monument: MAGG*

43.2.2 B'referenza għal punt nru. 42.3.2 is-Sindku qalet illi għamilna *find out* dwar kumpaniji li jagħmlu dawn it-tip ta' surveys u fil-ġranet illi ġejjin se nitolbu *feedback* minn naħa tal-kunsilliera. *Residential Parking: Survey*

**Il-kunsillier K.Wain daħal għall-ħabta ta' 18:17**

43.2.3 B'referenza għal punt 42.3.3 Is-Sindku qalet illi ġiet informata li *back to back* ma Viani se ssir triq Kurunell Savona. *Infrastructure Malta: Viani u Kurunell Savona*

43.2.4 B'referenza għal punt 42.3.4, is-Sindku qalet illi intbagħtet ittra lir-residenti ta' triq Blanche fejn informajna bid-deċiżjoni tal-Kunsill. *Blanche street str. hump*

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-18:20**

43.2.5 B'referenza għal punt 42.3.6, il-kunsillier D.Muscat qal illi kien ħa l-impressjoni li se ssir token zgħira u siġra, izda fil-verita hemm makfar kbira. Qal illi fil-laqgħa s-Sindku kienet qalet illi b'kollox mhix se tiswa izjed minn €1,000. Fakkar ukoll illi hu kien approva li ssir is-siġra, izda ma qabilx mal-logo, izda l-interpretazzjoni tiegħu kien illi se tkun ferm iżgħar milli saret. *Memorial: DCG*

Is-Sindku qalet illi fil-laqgħa kienet ipprovdiet il-*wording* għal fuq l-irħama, waqt illi kien hemm problem sabiex titpoġġa siġra u għalhekk saret bil-mod kif saret. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar kif fil-proġett ta' Dingli str. Tagħlimna ħafna kif meta tmur biex tħawwal siġra, faċilment isib problem u dejjem isib soluzzjoni ta' malajr.

Is-Sindku kompliet illi fil-laqgħa qatt ma semmiet l-ammont ta' €1,000, waqt illi ħadd ma talabha d-dimensjonijiet. Qalet illi jekk hemm min fiehem differenti m'għandix tort kif wieħed interpreta l-informazzjoni, izda ħarġet bl-informazzjoni li kellha dakinhar.

Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi anka hu kellu l-interpretazzjoni li se tkun izgħar.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi tweġġa meta tinftiehem illi hemm min qed jaħseb illi saru affarijiet minn wara dar in-nies u mhix il-każ.

Il-kunsillier D.Muscat qal illi vera ma kienx talab għad-dimenzjonijiet izda afda l-bqija tal-Kunsill u ħaseb se ssir fuq skala ferm iżgħar. Qal illi ma jaqbilx minħabba l-ispejjez u talab rendikont tal-ispejjez. Is-Sindku rrispondiet illi l-irħama se tiġi tiswa madwar €1,400 u użajna kuntrattur li għamel xogħolijiet fil-passat. Żiedet illi l-bqija tax-xogħolijiet saru mill-kuntrattur tagħna.

Il-kunsillier D.Muscat qal illi forsi fehem ħażin izda fehem se tkun ferm izgħar u talab illi jkun jaf kemm se tiġi tiswa.

43.2.6 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi bagħat lil MTA sabiex forsi l-proġett isir b'kollaborazzjoni magħhom. *Outdoor Gyn: Ġnien Bonello Du Puis*

43.2.7 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-proġett tal-Car Park ġiet ring-fenced għall-ammont ta' 4.2 miljun. Peress illi qegħdin €187,000 *deficit* fil-fond tad-DPF, naqqasna l-ammont b'€300,000 sabiex issa €3.9miljun huma ring-fenced għall-proġett. *Car Park*

Sabiex jikkjarifika biss, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-deficit kienet bl-ammont ta' €4.2miljun għal din l-applikazzjoni u għalhekk fil-prezent hemm surplus ta' €113,000

43.2.8 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier

J.Dougall issekondaħ. Il-kunsilliera qablu unaniment.

**43.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

43.3.1 Is-Sindku semmiet illi l-Viċi Sindku għamel talba sabiex il-Kunsill iżomm mument silenzju għall-ex kunsilliera S.Zammit u N.Castaldi Paris li ħallewna fil-ġimgħat illi għaddew. Qalet xtaqet illi l-mument ta' silenzju tkun iddedikata wkoll għal membru tal-Viċi Sindku li miet ftit qabel il-laqgħa. *Pawsa ta' minuta*

**Il-Kunsill osserva pawsa ta' minuta.**

43.3.2 Is-Sindku qalet illi fid-9 t'April se ssir laqgħa tar-Reġjun fejn il-kunsilliera se jkollom l-opportunita biex jaraw x'inizjattivi ħerġin minn naħa tar-Reġjun. Ħeġġet lil kunsilliera, speċjalment dawk bid-dekasteri fuq l-ambjent, Waste Management u Kultura sabiex jattendu. *Laqgħa tar-Reġjun*

43.3.3 Is-Sindku qalet illi iltaqat mall-Public Works minħabba perikli li hemm ġewwa Qui Si Sana. Qalet illi hemm kisja ta' siment illi se taqa' taħt l-arkati u l-area se tingħalaq minn nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu. Ix-xogħolijiet se jibdew f'April. Effettivament l-area se tkun magħluqa għall-perjodu ta' zmien izda se jiftħu biċċa biċċa skont fejn jkunu ħadmu. Żdiedet illi m'hemmx problema bil-membrane izda għanda tiġi rranġata x-xibka. *Qui Si Sana: Xogħolijiet*

43.3.4 Is-Sindku fakkret dwar emajl illi intbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-Bring In Sites. Il-kunsilliera D.Soler u J.Dougall se jkunu qegħdin iduru biex jiddentifikaw dawn il-*points.* *Bring In Site*

43.3.5 Is-Sindku informat illi hemm residenti li għamlu talba għall-kameras fejn il-garaxxijiet tagħhom fl-inħawi tax-Xatt [minn Busy Bee sal-Gżira. Dan minħabba d-double parking u parking barra l-garaxxijiet tagħhom. *Kameras: Double Parking*
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dawn l-affarijiet għandom jiġu diskussi quddiem it-Traffic Committee.

## 43.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

43.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 43.5 RAPPORTI

43.5 Ma kien hemm l-ebda kummenti.

## 43.6 VILLA SCHINAS

43.6.1 Is-Sindku qalet illi saret laqgħa mall-Curia fejn attendiet flimkien mall-kunsilliera, P.Radmilli, W.V.Baldacchino u A.Debono, kif ukoll mas-Segretarju Eżekuttiv. Informat illi l-Kunsill resaq talba għal *ownership* tas-sular li nixtiequ nużaw izda taħseb illi mhumiex se jaċċettaw din it-talba, waqt illi qegħdin jinsistu li l-moratorju tibda minn meta ssir ftehim. Laqgħa mall-Curia

Informat ukoll illi lesti jagħtu ċens ta' 49 sena, u s-Segretarju Eżekuttiv qal illi din tista tiġġedded b'49 sena oħra.

43.6.2 Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi inizjalment il-Kunsill kien daħħal bi ftehim mall-ACM u l-Kunsill kellu jagħmel tajjeb għal nofs l-ispejjez. Waħedna issa se jkollna noħorġu figura ta' madwar €1.5 miljun u kif qal fil-bidu tal-laqgħa, ma tantx baqalna fondi mill-DPF. Il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni jekk din għanda ssir minflok proġetti oħrajn, bħal per eżempju l-Car Park li se tassorba ammont kbir ta' fondi tagħna. La jidher li m'aħniex se nieħdu *ownership* il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'liema proġett għandna mmexxu. Żied illi jemmen illi l-proġett tibqa waħda valida, izda rridu nkunu realstiċi u li l-karus tad-DPF mhuwiex infinit u għad baqa applikazzjonijiet x'nagħmlu. DPF

43.6.3 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien hemm qbil illi japplikaw flimkien magħna u hemm ir-rieda li jaslu magħna, izda hu wkoll ħass illi ċerti affarijiet huma non-starter.

43.6.4 Is-Sindku qalet illi offrejna li jekk nieħdu *ownership* tas-sular, idaħħlu l-kirja huma minn ħaddieħor għas-sular l-oħra, kif ukoll illi nħallsu kera xorta waħda ta' €1,000 fix-xahar. F'każ illi ma nieħdux *ownership*, il-Curia qed tħallina nagħmlu *sub-letting*.

43.6.5 Il-kunsillier A.Debono qal illi fil-fehma tiegħu din għanda tingħata preċedenza fuq il-Car Park u qal ma jħossx illi għandna naqtaw

qalbna, u li tiġi kkonsidrata. Żied illi l-proġett tal-Parking, avolja tajba, ma jarax illi se tintuża lejl u nhar is-sena kollha u fil-fehma tiegħu għandna nkomplu bl-ideja tal-bandli u niffokaw fuq il-proġetti l-oħra jekk il-Car Park se tiswa tant flus.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għandna naraw ma' entitajiet tal-Gvern illi jkunu jistgħu jidħlu magħna u jagħtu sapport finanzjarja.

**Il-kunsillier D.Muscat talab illi jkun skużat mil-laqgħa fit-19:48 minħabba impenji oħra li għaraf lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv biha qabel il-laqgħa. Kien skużat biex jitlaq.**

43.6.5 Il-kunsillier P.Radmilli talab illi ssir laqgħa ma min jamministra d-DPF. Qal ukoll illi hemm bzonn isir laqgħa bejn il-kunsilliera biex jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet dwar il-proġetti li se jsiru b'dawn il-fondi. Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera preżenti li din il-laqgħa ssir fit-30 ta' Marzu. Laqgħa: DPF

## 43.7 ITEMS OĦRA

43.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saret talba sabiex fejn hemm is-siġra nieqsa li hemm Dingli str. kantuniera ma Howard, isir waħda tal-Għargħur li se tkun ipprovdut b'xejn, u ssir memento żgħira għall-Perit Martin Xuereb. Siġra: Dingli str. k/m Howard str.
Waqt illi kien hemm qbil fuq il-proposta, kien hemm qbil illi s-siġra għanda tkun simili bħall-oħrajn li hemm fit-triq, taċ-Ċipress.

43.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għad hemm tenders li ma ġewx evalwati. Fil-preżent hemm lista ta' tenders li ħarġu ftit ġimgħat ilu, waqt illi issa ħarġu erba' tenders oħra fil-ġranet illi għaddew. Żied illi legalment ma nistgħux inkomplu noħorġu tenders u dawn ma jiġux evalwati. Tenders
Żied ukoll illi hemm evalwaturi li qegħdin jagħlqu tenders fi ftit sekondi. Dan ifisser illi mhux qed jingħata attenzjoni lejn id-dettalji u jekk ikun hemm xi appelli, l-evalwaturi wkoll ikollom jirrispondu. Qal qed jiġbed l-attezjoni sabiex meta jsiru, l-evalwaturi jkunu jafu x'inhuma d-deċiżjonijiet illi qegħdin jieħdu.

**Il-kunsillier Emanuel Borg talab illi jkun skużat fit-20:08**

43.7.3 Il-Kunsillier A.Debono qal illi hemm talba sabiex isir *memorial* barra l-għasa tal-pulizija, sit fejn splodiet bomba li qatlet 13 -il Memorial: 17 ta' Marzu 1942

persuna fis-17 ta' Marzu 1942. Kien hemm qbil illi din isir. Il-Kappillan se jkun mistiwden jgħid talba waqt illi l-Kunsill se jipprovdi fjuri.

43.7.4 Il-kunsillier A.Debono qal illi darba kien hemm qbil sabiex neqilbu l-parking ta' triq Nazzarenu. Qal illi għandna nirbħu postijiet ta' parkeġġ hekk. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jara jekk qatt ma kien hemm approvazzjoni mit-Transport Malta. Nazzarenu on-street parking.

43.7.5 Il-Kunsillier A.Debono staqsa dwar ix-xogħolijiet illi għandom isiru triq il-Kulleġġ l-Antik. Is-Sindku qalet illi waslet għanda talba għal 2 sleeping police oħra fejn il-bridge u talbet petizzjoni. Triq il-Kulleġġ l-Antik

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dawn id-diskussjonijiet għandom isiur mill-kumitat tat-traffiku.

43.7.6 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi għad hemm ħsarat fis-center strip tax-Xatt fejn partijiet minnha qed taqa. Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi ra l-istess ħsarat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ftit xhur ilu l-ħaddiema għamlu s-siment. Se jerġa jibagħthom ħalli jaraw x'hemm u jirranġaw fejn hemm perikli. Centre Strip

Fuq dan il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm siġar li mietu u għamel talba li nikkuntattjaw lil-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom.

43.7.7 Il-kunsillier A.Debono qal illi l-pjanti ta' triq Għar il-Lembi kibru u talab jekk jista jsir xi disin bihom. *Pjanti triq Għar il-Lembi*

43.7.8 Il-kunsillier A.Debono talab illi l-ablu li tinsab in-naħa ta' Dingli street ma triq it-Torri tiġi rranġata u dritta. Arblu Dingli str.

43.7.9 Il-kunsilliera V.G.Pace talbet illi jsiru ftit fjuri fejn il-Tlett Siġriet, kif ukoll barra l-Kunsill Lokali. Fjuri

43.7.10 Il-kunsillier K.Wain qajjem il-problema tal-piling u kif xorta qed tkompli toħloq problema f'ċerti żoni. Piling

43.7.11 Il-kunsillier K.Wain qal hemm bar ġewwa Depiro str. li qed tokkupa l-bankina bl-imwejjed u s-siġġijiet. Se tintbagħat rapport lil pulizija. Imwejjed u siġġijiet: Depiro street

43.7.12 Il-kunsillier J.Dougall qal illi hemm ħsarat Pjazza Sant' Anna, kif ukoll triq Bisazza li għandom jiġu rranġati. Fosthom hemm il-funtana ta' Pjazza Sant'Anna, il-monument taċ-ċiramika, ittiekel il- Bisazza.

grouting tal-pavimentar, xogħolijiet ta' zebgħa, il-barrier u tisbieħ tal-area fejn kien hemm it-Tower Crane.

Il-kunsillier D.Soler żied il-problemi li hemm bid-dawl, bankijiet u t-tindif fl-istess triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku kien diġa qed jara mall-MTA fuq dawn ix-xogħolijiet, kif ukoll ma' Albert dwar il-barrier. Is-Sindku kkonfermat illi l-MTA qegħdin jagħtu ħafna għajnuna.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi avolja l-Kunsill jista jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fl-area, ir-responsabbilta tagħha taqa taħt is-CMD u nsibu ħafna assistenza minn naħa tagħhom, kif ukoll mill-MTA.

43.7.13 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn evalwatur ieħor għat-tender ta' Project Manager li ħarġet ftit ta' jiem ilu. Il-kunsillier W.V.Baldacchino se jkunu t-tielet evalwatur, flimkien mall-kunsillieri P.Radmilli u J.Dougall. Project Manager

43.7.14 Il-kunsillier W.V.Baldacchino ppropona li jintbagħtu fjuri għall-funeral ta' membru tal-familja tal-Viċi Sindku. Kien hemm qbil unanimu.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla.**

## 43.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

43.8.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 43.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

43.9.1 Il-kunsillier P.Radmilli staqsa għalfejn hemm kont separat tal-kuntrattur tas-soft areas. Dan kien ingħata Purchase Order qabel ma kien kuntrattur magħna, u dawn ix-xogħolijiet tlestew issa. M'għandom l-ebda rabta mall-kuntratt.

43.9.2 Il-kunsillier W.V.Baldacchino talab informazzjoni dwar il-BoQ tal-Perit għax-xogħolijiet tal-Car Park. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien talab *breakdown* tal-kontijiet illi tħallsu u biex tiġi diskussa il-BoQ peress illi l-ammont hija waħda essaġerrata. Kien hemm qbil

li l-pagament numru 40 jinzamm on hold sakemm jigi ccekjat.

43.9.3 Il-Kunsillier D.Soler propona li l-pagamenti jiġu approvati Il-Kunsillier A. Debono issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. Approvazzjoni tal-pagamenti

**43.10 MOZZJONIJIET**

43.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**43.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

43.11.1 Is-seduta ntemmet fid-21.25 . Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 11 ta' April, 2022 fis-6pm

Minuti approvati llum

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Graziella Attard Previ** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |